KLR 13/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2014 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joe Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea.

SKUŻATI:- il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Waqt id-diskussjoni ta' item 2 William Sultana l-*Project Administrator* tal-proġett tal-ERDF daħal fil-kamra.

**2. Evalwazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni:-**

***i. Provision of a GPR survey for the identification of anthropogenic structures – Project ERDF 249***

Is-*schedule of tender* tinsab annessa f'dokument A. L-offerta nfetħet nhar l-10 ta' Jannar 2014, dakinhar li kienet tagħlaq. Tressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni u dan skont dokument B anness. Il-membri tal-Kunsill qablu li jimxu mal-pariri tal-bord u l-offerta tingħata lill-AIS Environmental.

***ii. Provision of archaeological monitoring and conservation services – Project ERDF 249***

Is-*schedule of tender* tinsab annessa f'dokument Ċ. L-offerta nfetħet nhar l-10 ta' Jannar 2014, dakinhar li kienet tagħlaq. Tressaq ir-rapport tal-bord ta' aġġudikazzjoni u dan skont dokument D anness. Il-membri tal-Kunsill qablu li jimxu mal-pariri tal-bord u l-offerta tingħata lill-AIS Environmental.

Il-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni ta' dawn iż-żewġ offerti huma:- *Chairman* - Paul Dimech, Evalwaturi – Perit Gordon Vella, Ing. James Grima u Ing. Charlie Portelli u Segratrju Miriam Attard.

**3. Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014 fis-18.30. Ir-residenti Rabtin għandhom jiġu avżati.

**4. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

*Transport Malta* (TM) rigward:-

4.1 il-ħruġ ta' permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita', għal sena, quddiem Anthony Muscat ta' Blokk H, Bieb B, Flat 6, Taċ-Ċawla H. E;

4.2 il-ħruġ ta' permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita', quddiem Helen Grech ta' 86, Triq Santa Marija.

Ser jintalab il-permess ta' TM rigward:-

4.3 talba ta' George Farruġia ta' 'Kerstein Marie' Triq Santa Martha biex isir *one metre yellow line* fil-ġnub tal-garaxx.

4.4 talba ta' Michael Galea ta' 76, Triq tal-Far, sabiex isir *double yellow line* faċċata tad-dar tiegħu peress li qed jinbena post u ttella ħajt madwar is-sit;

4.5 talba ta' Joseph Grech, Prinċipal fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern f'Għawdex. Dan l-uffiċċju biddel il-post tiegħu u issa qed jopera mit-Triq ta' Wara s-Sur. Nħass il-bżonn li jintalab parkeġġ riservat minħabba li dan l-uffiċċju jkollu l-flus biex jiġu depożitati l-bank kuljum. Qabel ma kienx hemm dan il-bżonn peress li fejn kien l-uffiċċju ma kienx hemm problema ta' parkeġġ.

Għandu jintalab il-parir ta' TM fuq:-

4.6 il-kantuniera ta' Triq Palma ma Triq Sant'Indirija fejn qed isir ipparkjar b'mod li tingħalaq il-bokka ta' Triq Sant. Indirija. Fl-ewwel parti ta' din it-triq hemm garaxx u s-sid qed isib problema sabiex idaħħal il-vettura tiegħu. Il-Kunsill kien poġġa wkoll *bollard* li jkun jista' jinqala' minn min juża Triq Sant'Indrija. Pero' dan qed jinqala wkoll minn min ikun irid jipparkja fil-bokka ta' din it-triq.

## 5. Korrispondenza

Tressqet korrsipondenza mingħand:-

5.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistoqsi f'liema fażi wasal sabiex il-laqgħat jibdew jiġu *live streamed.* Peress li l-Kunsill għadu fl-istadju ta' restawr tal-uffiċini ser jieħu l-pariri kif għandu jattwa din it-talba ta' *live streaming.* Dan minħabba li l-bini tal-Banca Giuratale hu skedat.

5.2 it-Taqsima tal-Kultrua fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill intalab sabiex jieħu ħsieb iġib il-permess sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Indipendenza qabel il-Karnival. Il-membri qablu li jintalab il-permess tal-MEPA;

5.3 il-*Gozo Action Group* fejn il-Kunsill ġie magħrraf li l-applikazzjoni sottomessa rigward il-fondi taħt Miżura 313 (it-tieni sejħa) ma ġietx milqugħa;

5.4 Anthony Żammit, Direttur Eco-Gozo fejn fuq il-proġett tal-*playing field* ingħatat estensioni sal-14 ta' Lulju 2014 sabiex il-proġett ikun lest u hekk il-Kunsill ikun jista' jiġbor il-flus mill-fond tal-Eco-Gozo skont il-ftehim iffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012;

5.5 GasanMamo Insurance fuq ħabta bejn żewġ vetturi li saret fit-*'T'junction* li hemm fi Triq Ġuże' Micallef li tiżbokka għal Triq Manuel Dimech. Il-Kunsill għandu jitlob il-parir ta' TM rigward din il-korrispondenza.

5.6 Louis Joseph Sant Cassia rigward garaxx li qiegħed taħt il-livell tat-triq fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace, qed jitlob li jsir *double yellow line* n-naħħa l-oħra tat-triq faċċata ta' dan il-garaxx peress li bil-vetturi pparkjati ma jkunx possibli li joħroġ il-vetturi tiegħu. Il-membri qablu li qabel jintalab il-parir ta' TM, sid il-garaxx għandu jipprovdi l-*compliance certificate* tal-MEPA fejn juri li dan il-garaxx sar skont il-permess.

## 6. Materji oħra

Il-membri qalbu li:-

6.1 jitneħħa l-bank li hemm fi Triq id-Dejqa;

6.2 tinbidel il-bankina ta' quddiem 'Pavillion Court', fi Triq il-31 ta' Marzu;

6.3 tinbidel il-bankina ta' quddiem 'Ave Maria' fi Triq Aniċi;

6.4 jinbeda l-proċess sabiex issir bozza ġdida ma 'Kunċizzjoni Court', fi Triq it-8 ta' Diċembru;

6.5 tintbgħat ittra ta' ringrazjament lill-Ministru għal Għawdex tal-għajuna li offra fl-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Is-Seg. Eżekuttiv għarfet lill-membri li l-Kunsill irċieva l-ammont ta' €2,000 bħala għajnuna għal din l-attivita';

6.6 jintalab it-trasferiment lill-ETC, ta’ Gerald Debono li wera x-xewqa li ma jibqax jaħdem mal-Kunsill. Debono jipparteċipa fl-iskema ta’ Xogħol fil-Komunita’;

6.7 isir *booking* provisorju sabiex l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali tgħamel kunċert fit-8 ta’ Ġunju 2014 fl-okkażjoni ta’ Jum il-Belt Victoria. Is-Sindku semma li l-Kunsill għandu jesplora l-possibilita’ li jsir kunċert mill-grupp mużikali minn Goro (Pizzico Caput Gauri). Fil-laqgħa li jmiss is-Segretarju Eżekuttiv ser tressaq ir-rendikont ta’ Jum il-Belt Victoria 2013;

6.8 l-Kunsill jipparteċipa fil-proġett ‘Comunicare l’Europa per ridurre le distanze’ mal-comuni u r-Reġjuni li jinsbu fil-viċinanzi ta’ Goro. Permezz ta’ dan il-proġett jistgħu isiru skambji sportivi u edukattivi;

6.9 l-bord ta’ aġġudikazzjoni għall-offerta skont Avviż nru. 01/2014: *Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project,”Setting up of an intergrated cultural, archaeological and historic trail”* (Ref. ERDF tend. 01/14) ikun hekk – *Chairman* - Marcel Tabone, Evalwaturi – William Sultana, Paul Dimech u l-Perit Gordon Vella, u Segretarju - Miriam Attard.

6.10 l-bord ta’ aġġudikazzjoni għall-offerta skont Avviż nru. 12/2013: *Setting up of Wi-Fi hotspots in Victoria, Gozo – Project ERDF 249.* (Ref. ERDF tend. 12/13) ikun hekk:- *Chairman* - William Sultana, Evalwaturi - Armand Sciberras, Ing. James Grima u Ing. Charlie Portelli u Segretarja - Miriam Attard;

6.11 l-bord ta’ aġġudikazzjoni għall-offerta skont Avviż nru. 13/2013: *Advt. No. 13/2013.Design, development, implementation and hosting of an interactive website and virtual guided tours.* (Ref. ERDF tend. 13/13) ikun hekk:- *Chairman* –Marċel Tabone, Evalwaturi - Armand Sciberras, Ing. James Grima u Ing. Charlie Portelli u Segretarja - Miriam Attard;

6.12 l-bord ta’ aġġudikazzjoni għall-offerta skont Avviż nru. 14/2013: *Advt. No. 14/2013. Production including filming, editing, translation and voice over of a 30-minute documentary about the Victoria Archaeological and Historical trail.* (Ref. ERDF tend. 14/13). ikun hekk:- *Chairman* –Marċel Tabone, Evalwaturi - Armand Sciberras, Ing. James Grima u Ing. Charlie Portelli u Segretarja - Miriam Attard;

6.13 peress li s-Sindku huwa l-*Project Leeader* tal-proġett tal-ERDF, il-bordijiet tal-offerti li baqa’ jistgħu jinħatru minnu u mill-*Project Administrator*.

6.14 Is-Segreatju Eżekuttiv għarfet lill-preżenti li l-ammont tal-MEPA taħt l-*Urban Improvement Fund* għar-Rabat sal-21 ta’ Jannar 2014 kien ta’ €57,452,87.

6.15 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jirringrazzja lil-Ministru għal Għawdex rigward l-intervent tiegħu meta waqgħet parti minn Triq Vajringa. Din tranġat minnufih mill-ħaddiema tat-Taqsima tat-Toroq fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex. Il-membri qablu.

6.16 Ġew approvati l-kontijiet annessi f’dokument E.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00  u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 17 ta’ Frar 2014 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |